# Il-Kunċert tal-25 ta' Ġunju 2005

## Noti biografiċi tal-mużika li se tindaqq dakinhar

Kitba ta' Neil Zammit

Il-programm mużikali li jikkomemora l-125 sena tal-Banda L-Unjoni se jittella' nhar il-25 ta' Ġunju 2005 fuq il-planċier artistiku tas-Soċjetà f'Misrah Sant'Andrija. Għal dan il-kunċert, li se jkun taħt il-patroċinju ta' l-E.T. il-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami LL.D., se jindaqqu sitt xogħlijiet mużikali ta' kompozituri differenti. Il-banda bħas-soltu se tkun taħt id-direzzjoni mużikali tal-Professur Charles Zammit Ph.D. Flimkien mal-Banda L-Unjoni se jieħdu sehem ukoll l-*Amadeus Chamber Choir*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cefai, u diversi solisti.

Ix-xogħlijiet li se jindaqqu f'din l-okkażjoni speċjali huma dawn:

### The Crown Diamonds — Daniel François Esprit Auber



Auber twieled ġewwa Caen fin-Normandija fid-29 ta' Jannar, 1782. Filwaqt li missieru dejjem ħeġġu sabiex jieħu l-linja ta' negozjant, Auber studja diversi strumenti mużikali ma' diversi għalliema, fosthom Tirolean u l-Kompożitur Joef Alois Adurner. Ta' 20 sena, huwa ntbagħat ġewwa Londra sabiex jistudja n-negozju, iżda kellu jerġa' jitlaq lura fl-1804. Aktar tard, huwa studja taħt Cherubini, fejn kompla jiżviluppa t-talenti mużikali tiegħu u beda jesperimenta bil-kompożizzjoni. Fl-1883 huwa warrab il-kompożizzjoni minħabba l-falliment ta' l-Opra *Le Séjour Militaire*.

Minkejja dan kollu, wara l-mewt ta' missieru fl-1819 Auber ikkompona l-Opra *Le Testament et Les Billetsdoux*. Sena wara, huwa kiseb suċċess kbir bl-Opra *La Bergére Chãtelaine*. L-istil ta' Auber huwa wieħed oriġinali, għalkemm ġie influwenzat minn diversi kompozituri, fosthom Rossini. L-akbar suċċess li qatt kiseb fil-karriera tiegħu kien permezz ta' *La Muette de Portici*. Fl-1841 kiteb l-Opra *Les Diamants de la Couronn* (*The Crown Diamonds*), li minnha l-Banda L-Unjoni se tesegwixxi l-*overture*[1] tagħha addattata għall-banda sinfonika.

### Aida — Giuseppe Verdi



Bla dubju ta' xejn, waħda mill-aktar opri popolari ta' Giuseppe Verdi hija l-Opra *Aida*. Din l-opra hija maqsuma f'4 atti, fuq librett ta' Antonio Ghislanzoni. Ġiet esegwita għall-ewwel darba fil-Kajr, l-Eġittu nhar l-24 ta' Diċembru ta' l-1871. Sena wara, fl-1872, din l-opra ġiet esegwita fit-Teatru *La Scala* ta' Milan, fejn reġgħet kienet suċċess kbir għal darb'oħra.

Giuseppe Verdi beda l-istudji mużikali tiegħu ġewwa Busseto fl-1824 taħt Ferdinando Provesi. Wara li kkompona l-*overture* għall-

Opra *Il Barbiere di Siviglia* ta' Rossini, huwa rħielha lejn Milan, iżda ma ġiex aċċettat fil-Konservatorju tal-Mużika. B'hekk huwa kellu jieħu l-lezzjonijiet taħt Vincenzo Lavigna. Wara xi snin bħala direttur mużikali ġewwa Busseto, Giuseppe Verdi rritorna ġewwa Milan fl-1839 bl-Opra *Oberto, Conte di San Bonificio*. Wara s-suċċess li kellu b'din l-opra, huwa kkompona diversi xogħlijiet oħra, li komplew żidulu l-fama u l-istima bħala wieħed mill-aqwa kompożituri li qatt kellha l-Italja. Fl-1842 huwa lesta l-Opra *Nabucco*, filwaqt li fl-1851 ittrijunfat l-Opra *Rigoletto* ġewwa Venezja. Huwa miet ġewwa Milan fl-1901. Giuseppe Verdi ħalla warajh diversi opri oħra li għamlu suċċess, u li għadhom popolari sal-lum il-ġurnata.

Is-*selection* mill-Opra *Aida* li l-Banda L-Unjoni se ddoqq hija meħuda mill-ewwel, mit-tieni u t-tielet att ta' l-istess opra. Flimkien mal-banda se jieħdu sehem ukoll l-*Amadeus Chamber Choir* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cefai F.L.C.M.

## Prince Igor — Alexander Borodin



Alexander Borodin twieled nhar it-12 ta' Novembru ta' l-1833, bin Luka Gedevanishvili. Għalkemm hu kompożitur imsemmi, għalih il-mużika kienet passatemp. Infatti x-xogħol tiegħu kien ta' professur tal-mediċina fl-Università ta' San Pietruburgu. Kien fl-1863 li beda jistudja l-kompożizzjoni taħt Mily Balakirev. Borodin beda x-xogħol tiegħu fuq l-Opra *Prince Igor* fl-1869, li tinkludi fiha l-famużi *Polovtsian Dances*. Hu kien professur tal-mediċina fl-Università ta' San Pietruburgu.

*Prince Igor* hija opra f'erba' atti. Ġiet esegwita għall-ewwel darba ġewwa t-teatru ta' San Pietruburgu, nhar l-4 ta' Novembru ta' l-1890. Ta' min wieħed isemmi illi din l-opra ġiet mitmuma mill-kompożituri Nikolai Rimsky-Korsakov u Alexander Glazunov wara l-mewt ħesrem ta' Borodin fis-27 ta' Frar ta' l-1887.

## Pearl Harbour — Hans Florian Zimmer



Hans Florian Zimmer twieled nhar it-12 ta' Settembru ta' l-1957 ġewwa Frankfurt, il-Ġermanja. Huwa beda l-karriera mużikali tiegħu bħala pjanist ma' diversi gruppi, fosthom *The Buggles*. Fl-1980, huwa beda jikkomponi mużikali għall-films, fejn l-ewwel suċċess tiegħu kien bil-film *Rain Man* fl-1988.

Minn dakinhar sa llum, huwa kkompona mużika oriġinali għal diversi films popolari, fosthom *Gladiator*, *The Last Samurai*, *U-571*, *The Thin Red Line*, *The Lion King*, u fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, għall-film *Pearl Harbour*. Dan il-film tal-gwerra ħareġ għall-wiri fl-2001 mill-Kumpanija *Touchstone Pictures*, sabiex jikkommemora s-60 anniversarju mill-attakk fuq *Pearl Harbour* fl-Istati Uniti mill-qawwa ta' l-ajru Ġappuniża. Dan il-film kiseb suċċess kbir fil-*box offices* madwar id-dinja u mhux inqas l-mużika tiegħu komposta minn Zimmer.

## The Eve of the War

**Jeff Wayne**



Il-kompożitur Jeff Wayne, bin l-attur Jerry Wayne, twieled ġewwa New York fl-Amerika. Huwa attenda ġewwa *Forest Hill High School*, u studja l-mużika privatament taħt diversi għalliema fosthom John Mehegan. Huwa qatta' ż-żogħżija tiegħu ġewwa California, fejn daqq il-*keyboard* ma' diversi gruppi lokali. Wara numru ta' snin, huwa ddeċieda li jkompli jistudja l-mużika aktar bis-serjetà. Ta' min wieħed isemmi li l-ewwel xogħol tiegħu li tefgħu fit-triq tas-suċċess kien il-*musical Two Cities*, ibbażat fuq l-istorja ta' l-awtur Ingliż Charles Dickens. Wara dan ix-xogħol, huwa kompla jikkomponi diversi ġeneri ta' mużika, saħansitra anke mużika għall-films.

Bejn l-1977 u l-1978, Jeff Wayne ikkompona l-*War of the Worlds*, li minnha l-Banda L-Unjoni se tesegwixxi s-*selection The Eve of the War*. L-istorja ta' din is-*selection* hija bbażata f'nofs il-lejl tat-12 ta' Awissu, meta mid-dinja bdew jidhru sinjali strambi mill-pjaneta Mars. Din is-*selection* hija bbażata fuq tema prinċipali, li tindaqq diversi drabi minn strumenti varji.

## Wiener Blut

**Johann Strauss II**



Johann Strauss it-Tieni twieled ġewwa Vienna nhar il-25 ta' Ottubru 1825. Huwa studja l-vjolin ta' età żgħira ħafna taħt Franz Amon. Ta' 17-il sena, huwa beda l-istudji tiegħu fil-mużika bħala l-karriera prinċipali. Huwa studja l-armonija u l-kuntrapont taħt il-Professur Joachim Hoffmann u ma' Josef Drechsler. Huwa kompla l-karriera tiegħu billi fforma orkestra. Huwa dar diversi pajjiżi, fosthom l-Awstrija, il-Ġermanja, u r-Russja. Wara l-mewt ta' missieru, huwa fforma diversi orkestri sabiex idoqqu f'diversi postijiet tad-divertiment. Bħala kompożitur, huwa ħalla warajh diversi valzi u operetti, fosthom *Die Fledermaus* u *Der Sigeunerbaron*.

Fost l-aktar valzi popolari li Johann Strauss II ikkompona nsibu l-famuża *Blue Danube*, l-*Emperor Waltz*, *Roses from the South Waltz* u l-Valz *Wiener Blut* (*Viennese Blood*). Il-Valz *Viennese Blood* ġie esegwit għall-ewwel darba nhar it-22 ta' April ta' l-1873. Strauss iddedika dan il-valz lil Gisela Louise Maria, bint l-Imperatur Franz Josef, fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha mal-Prinċep Leopold tal-Bavaria. Strauss miet ġewwa Vienna fl-1899 fl-età ta' 77 sena. Huwa baqa' magħruf bħala r-Re tal-valzi Vjennisi.

[1] ***Overture*** hija introduzzjoni strumentali għal biċċa xogħol mużikali. Din l-idea rat il-bidu tagħha mhux qabel is-seklu 17, fejn insibu li l-*overture* Franċiża hija magħmula minn ritmu kalm ħafna segwit b'moviment aktar imgħaġġel fil-forma ta' fuga. Il-kompożitur Johann Sebastian Bach, għamel użu ta' dan it-tip ta' *overtures* bħala introduzzjoni għal diversi xogħlijiet fosthom korali, kantati u oħrajn. Tul il-medda tas-snin, l-istruttura ta' l-*overture* għaddiet minn diversi tibdiliet.